# AVVIŻI : 25 TA' DIĊEMBRU 2011

## *Il-Milied it-Tajjeb*

**Il-Kappillan flimkien mal-Presbiterju u il-Kunsill Pastorali Parrokkjali jawgura lil kullħadd il-Milied it-Tajjeb. Is-Sibt il-Knisja tgħalaq u terġa' tiftaħ fl-10.00.pm. Fil-11.00.pm. tibda il-Velja tal-Milied u fil-11.45.pm. ikun hawn il-Priedka tat-Tifel u t-Tifla. F'nofs il-lejl tibda il-Funzjoni Prinċipali tal-Milied.**

## *Support Group tal-Familji Żgħażagħ*

**It-Tnejn fis-7.00.pm. fis-Sala Sant' Anna issir il-Laqgha tal-Familji Żgħażagħ. Il-Grupp iservi bħal support lill-miżżewġin. Ikun hawn ukoll rokna fis-Sala fejn it-tfal jistgħu joqgħodu jilgħabu waqt il-laqgħa.**

## *Kwaranturi*

**L-Erbgħa, il-Ħamis u il-Ġimgħa jsiru il-Kwaranturi fil-Knisja Parrokkjali. Fit-8.15.am. nesponu is-Sagrament sa 12.00.pm. u fl-4.00.pm. sal-Quddiesa ta' filgħaxija. Waqt l-Espożizzjoni tas-Sagrament fil-Knisja, il-Kappella tas-Sagrament tkun magħluqa.**

## *Kunċert mill-Korijiet Parrokkjali*

**L-Erbgħa fis-7.00.pm. fis-Sala Sant' Anna isir Kunċert tal-Milied imtella' mill-Korijiet Parrokkjali. Ejjew u idħlu fl-Ispirtu tal-Milied u aqsmu il-ferħ tagħkom mal-Kant tal-Kor. Biljetti mis-Saqgrestija jew mill-membri tal-Kor.**

## *L-Aħħar tas-Sena*

**Nhar is-Sibt hu l-aħħar tas-Sena. Wara il-Quddiesa tas-6.30.pm., jitkanta it-Te Deum. Nirringrazzjaw lill-Mulej tas-Sena li għaddiet u nitolbuH jieqaf magħna fis-Sena li ġejja.**

## *Quddiesa u Tberik tan-Nisa Tqal*

**Nhar il-Ħadd li ġej il-Knisja tiċċelebra il-"Festa ta' l-Imqaddsa Omm Alla". Issir il-Quddiesa ta' l-10.15.am u jitbierku in-Nisa li qed jistennew Tarbija biex il-Protetriċi tal-Parroċċa tagħna, Sant' Anna, tieqaf magħhom fil-mument tal-ħlas.**

## *Attivitajiet Soċjali*

- **Il-Kunsill Lokali se jorganiżża Party ghat-Tfal nhar it-Tlieta filgħodu fis-Sala Sant' Anna. Biljetti mill-Kunsill Lokali.**
- **Il-Parroċċa se torganiżża fis-Sala Sant' Anna, in-New Years' Eve dinner akkumpanjat bid-daqq u brijju tas-sena ġdida. Biljetti mis-Sagrestija.**

## *Is-Siġra ta' l-Imħabba*

**Infakkrukom fis-siġra ta' l-Imħabba. Dawk li ħadu l-envelop minn taħt is-siġra u għadhom ma ġabux ir-rigal lit-tfal inqas ixxurtjati minna, nitolbukom li iġġibuhom matul din il-ġimgħa. Fadal xi ftit rigali oħra x'jinġabbru. Nieħdu din l-okkażjoni biex f'isem dawn il-familji li se jibbenefikaw minn dawn ir-rigali biex jgħidulkom Grazzi mill-Qalb.**

## *Il-Fuljett Parrokkjali*

**Dawk li ssoltu jqassmu il-Fuljett Parrokkjali, jidħlu fis-Sagrestija għal pakkett ta' Jannar.**

---

## *... and now read this ....*

**Santa's most popular reindeer by far is Rudolf, Rudolf, the red-nosed reindeer. Here is his story as told in music by Johnny Marks: Rudolf, the red-nosed reindeer, had a very shiny nose. And if you ever saw him, you would even say it glows. All of the other reindeer used to laugh and call him names. They never let poor Rudolf play in any reindeer games. Then one foggy Christmas eve Santa came to say: "Rudolf with your nose so bright, won't you guide my sleigh tonight?" Then all the reindeer loved him as they shouted out with glee: "Rudolf the red-nosed reindeer, you'll go down in history!" The story of Rudolf, is the story of salvation. It is our story both as individuals and as the human family. In our own case it is not Santa who saves us but the Child Jesus.**

**To begin with, Rudolf was a misfit. Compared to the image of the ideal reindeer we can say that something was definitely wrong**

**with him. What is more, he was not in any position to help himself. So are we all, misfits, as the Bible tells us. "For all have sinned and fall short of the glory of God" (Romans 3:23). "All we like sheep have gone astray" (Isaiah 53:6). Like lost sheep we are not in a position to help ourselves. Rudolf could not help himself. All that his fellow reindeer did was to makes things worse for him. Only one person could help him, Santa, the messenger from heaven.**

**================**